Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2004

Numru 894/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Mercieca)**
**(Spettur Pierre Micallef Grimaud)**

**vs**

**Joseph Camilleri**

**Illum 11ta' Marzu, 2004.**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Joseph Camilleri** ta' 31 sena, bin Paul u Teresa *nee'* Caruana, imwieled Pieta' nhar l-01 ta' Frar, 1972, residenti Bieb A, Flat 6, Triq Sant'Orsla, Valletta, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 10672M;

Talli fid-29 t'Ottubru, 2003, ghall-habta ta' 13.00hrs. minn gewwa l-hanut bl-isem ta' 'Top Choice' sitwat fi Triq Zakkarija l-Belt Valletta ikkommetta serq ta' Lm150 fi flus kontanti minn fuq il-persuna ta' Zammit Carmela minn Hal Safi, liema serq huwa aggravat bil-valur u dan bi ksur ta' l-artikolu 261(c) u 267 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi wrejt haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ghamilt qliegh ta' (Lm150) ghad-dannu ta' Charles Zammit u dan bi ksur ta' l-artikolu 308 u 309 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli b'hekk sar recidiv u dan ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi li saru definittivi mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datati 24 ta' April, 1997, Awla 7, u minn dik datata 7 ta' Novembru, 2001 preseduta mill-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali tas-6 ta' Novembru, 2003, sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja ai termini tal-artikolu 370 (4) tal-Kap 9 u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura;

Semghet il-provi;

Rat l-atti tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ingieb quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi wara li Carmela Zammit infurmat lill-Pulizija illi ftit qabel ghalqet il-hanut taghha fi Strada Zakkarija l-Belt, ghall-habta tas-1.15pm, dahal l-imputat u hatfilha s-somma ta' Lm150 mill-kexxun u telaq jigri bihom. Hija bdiet tghajjat u zewgha hareg jigri izda ma lahqux. Hija

ma kellha l-ebda problema tgharaf lill-imputat ghax tafu sew;

Meta ghamlet r-rapport taghha lill-Pulizija, l-istess Pulizija gabbret lil-imputat li da parti tieghu cahad dan kollu u ta verzjoni differenti meta qal li vera kien qieghed fil-hanut tal-kwerelanti izda dan biex ibigh xi gizirani lil Carmelo Zammit, ir-ragel tal-kwerelanta. Huwa kien xtara il-gizirani bil-prezz ta' Lm10 u offrihom lill-Zammit bil-prezz ta' Lm200 li ghazel li jaccetta bil-prezz finali ta' Lm150;

Ikkonsidrat illi l-imputat huwa mgharuf sew mill-kwerelanti u dan ma qaghadx jahbi wiccu fil-hin tal-kommissjoni tar-rejat. Ir-rejat huwa rappurtat li sehh fis-1.15pm f'hanut li jinsab fi triq kummercjali li tkun frekwentata minn hafna nies u minkejja dan ma ngieb hadd biex jixhed dwar xi fatti allegati mill-kwerelanta bhal per ezempju ghajjat, insegwiment, almenu mis-sidien jew bejjiegha tal-hwienet li jmixxu ma dak tal-kwerelanta. Il-Qorti hi disposta temmen lill-imputat illi huwa kien bejgh gizirani lewn id-deheb lir-ragel tal-kwerelanta li ghandu problema serja fil-vista u malli din indunat, ghamlet rapport li l-imputat kien dahal u hadilha l-flus mill-kexxun. L-imputat xehed illi huwa kien ghamel negozju mill-gizirani u kien Carmelo Zammit li accetta jixtri l-istess. Minn hemm jew min hawn, l-konkjugi Zammit riedu flushom lura, izda fil-fehma ta' dain il-Qorti, ir-rapport taghhom mhux wiehed veritier. Ghalhekk tqis illi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------